QORTI KRIMINALI

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

Att Ta' Akkuza Numru: 19/2021

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Adrian Piscopo**

Illum 3 ta' Mejju 2022

Il-Qorti,

Rat l-att tal-akkuza Nru. 19 tas-sena 2021 migjub fil-konfront ta' Adrian Piscopo detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 38595M fejn l-Avukat Generali fl-Ewwel Kap ippremetta:

Illi matul ix-xahar ta' Ġunju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019) l-akkużat **Adrian Piscopo** iddeċieda li jiltaqa' ma' tfajla minorenni bl-isem ta' Nicole Cogzell li kellha tlettax (13) il-sena sabiex jipparteċipa f'atti sesswali magħha ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;

Illi sussegwentament, fit-18 ta' Lulju 2019, il-Pulizija rċevew rapport mingħand il-professjonisti tas-sit 'kellimni.com' fejn ġew infurmati li kien hemm persuna bl-isem ta' Nicole Cogzell, li talbet għall-għajnuna. Filfatt, Nicole Cogzell kienet għamlet kuntatt ma' din il-*help line* u esprimiet dwejjaq kbar tant illi kienet lesta tneħħi ħajjitha b'idejha! Dawn id-dwejjaq kienu naxxenti minn inċidenti li ħallew marka fuqha, u

ċioe' nkontri sesswali ma' adult bl-isem ta' **Adrian Piscopo**, (aktar l-isfel magħruf bħala l-'akkużat'.)

Illi l-Pulizija għamlu l-kuntatti neċessarji sabiex ikomplu jinvestigaw u jifhmu eżattament x'kien ġara. Filfatt Nicole Cogzell kelmet lill-Pulizija fil-preżenza tal-ġenituri tagħha, u spjegatilhom illi meta hija kellha xi problemi mal-*boyfriend* kien ikkuntatjaha l-'akkużat', permezz ta' *Facebook Messenger*. Dakinhar Nicole Cogzell kienet qalet lill-akkużat li hija kellha biss tlettax (13) il-sena u l-akkużat kien qalilha li huwa kellu tmintax (18) il-sena, meta filfatt huwa kellu erbgħa u għoxrin (24) sena!;
Illi matul l-investigazzjoni tal-Pulizija, ħareġ ċar illi l-akkużat kien ikkonvinċa lil Nicole Cogzell sabiex jiltaqgħu fejn l-istazzjon ta' Birkirkara. Meta effettivament iltaqgħu, l-akkużat saq il-karozza tiegħu b'Nicole Cogzell ġewwa fiha, lejn l-*iSplash and Fun,* lejn Baħar iċ-Ċagħaq. Meta waslu, huwa ipparkja l-karrozza u wara li t-tnejn tkellmu dwar ċ-ċirkostanzi li kienu għaddejin minnhom, l-akkużat beda jbus lil Nicole Cogzell, neża' l-qalziet tiegħu u mbuttalha u żammilha rasha l-isfel sabiex hija ddaħħal l-organu sesswali tiegħu f'ħalqha. Wara l-akkużat għollilha d-dublett 'l fuq u daħħal l-organu sesswali tiegħu fl-organu sesswali tagħha. Aktar tard, l-akkużat eġakola f'ħalq il-minorenni Nicole Cogzell. Wara li lesta, l-akkużat wassal lil Nicole Cogzell lura Birkirkara bil-karrozza tiegħu;

Illi l-ġurnata ta' wara , l-akkużat reġa ltaqgħa ma' Nicole Cogzell, u din id-darba ħadha bil-karrozza tiegħu ġewwa garaxx il-Fgura. Huma baqgħu fil-karozza meta kienu ġewwa dan il-garaxx. L-akkużat niżżel is-seat, beda jbus lil Nicole Cogzell u daħal l-organu sesswali tiegħu fl-organu sesswali tagħha. Wara li eġakola, l-akkużat wassal lill-minorenni lura lejn darha;

Illi l-akkużat rrilaxxa żewġ (2) stqarrijiet lill-Pulizija fit-22 ta' Lulju 2019, wara li ġie mgħoti d-dritt biex jikkonsulta ma' avukat tal-għażla tiegħu, fejn l-istess akkużat ikkonferma dak kollu li ngħad minn Nicole Cogzell, u ċioe' illi huwa pparteċipa

f'attivitajiet sesswali ma' Nicole Cogzell meta kien jaf li hija kellha biss tlettax (13) il-sena.

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Adrian Piscopo** sar ħati talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt is-sittax (16) il-sena u ċioe' ma' Nicole Cogzell, minuri ta' tlettax (13) il-sena.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, ż-żmien, il-lok u l-fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Adrian Piscopo** talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmul b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt is-sittax (16) il-sena u ċioe' ma' Nicole Cogzell, minuri ta' tlettax (13) il-sena.

U għalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi **Adrian Piscopo**, jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa erbgħin (40) sena u dan skont ma hemm fl-Artikoli 204Ċ(1), 208AĊ(1)(b)(2)(a)(ċ), 208B(1)(2)(2A), 209A, 17, 18, 31, 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat, kif ukoll li jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tieni Kap ippremetta:**

Illi effettivament, Nicole Cogzwell matul ix-xahar ta' lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) kienet għamlet rapport ma kellimni.com u dan is-sit sussegwentement kien tkellem mal-pulizija fir-rigward tar-rapport illi rċevew mingħand l-istess minorenni sabiex jinvestigaw dak li kienet qegħda tallega;

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel kap ta' dan l-Att ta' Akkuża, cioe, matul ix-xahar ta' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), ġewwa Malta u l-gżejjer Maltin, mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija, rriżulta illi **Adrian Piscopo**, kien jippermetti li jiġi prodott materjal indeċenti mill-persuna ta' Nicole Cogzell li kellha tlettax (13) il-sena għalih nnifsu;

Illi mill-investigazzjonijiet rriżulta li l-Akkużat kien jitkellem ma' Nicole Cogzell permezz ta' *social media* u l-*mobile phone* tiegħu u rriżulta li meta kienu jitkellmu, dan kien jitlobha sabiex tibatlu ritratti tagħha stess għarwiena. Fil-fatt wara li l-akkużat kien isaqsiha sabiex tibgħatlu dawn ir-ritratti indeċenti u pornografiċi tagħha nnifisha, hi kienet tagħmel mezz li tieħu dawn ir-ritratti, tippoża għalihom u tibgħat dawn ir-ritratti tagħha stess mingħajr ħwejjeġ lill-istess akkużat.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat stess **Adrian Piscopo**, sar ħati talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dan il-materjal indiċenti, li juri u jagħti stampa ċara ta' persuna taħt l-eta' u ċioe' Nicole Cogzell.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża,

jakkuża lill-imsemmi **Adrian Piscopo**, talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar, Malta u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda,għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dan il-materjal indiċenti, li juri u jagħti stampa ċara ta' persuna taħt l-eta' u ċioe' Nicole Cogzell.

U għalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi **Adrian Piscopo**, jigi kkundannat ghall-piena ta' priġunerija minn tnax (12) il-xahar sa' disa' (9) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 208A(1), 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew għal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat, kif ukoll li jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet al-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fit-Tielet Kap ippremetta:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija, rriżulta illi **Adrian Piscopo** kellu aċċess għal, kif ukoll fil-pussess tiegħu permezz ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni, numru ta' ritratti pornografiċi ta' Nicole Cogzell li kellha l-eta' ta' tlettax (13) il-sena u għalhekk hija minorenni.

Illi kif spjegat fl-ewwel żewġ kapi ta' dan l-att t'akkuża, l-akkużat kien qiegħed ikollu komunikazzjoni kostanti mal-vittma Nicole Cogzell li dak iż-żmien kienet għaddejja minn perjodu kemm xejn diffiċli f'ħajjitha u saħansitra kien wasal ikkonvinċiha sabiex tagħmel atti sesswali miegħu u tibgħatlu ritratti tagħha pornografiċi hekk kif deskritt

fil-kapi preċedenti, cioe matul ix-xahar ta' Ġunju tal-elfejn u dsatax (2019). Din l-informazzjoni ngħatat lil-Pulizija mill-vittma stess meta tkellmet magħhom u għalhekk bdiet investigazzjoni fil-konfront tal-akkużat;

Illi fil-fatt, ġie eżaminat il-mobile phone tal-istess akkużat mill-espert Keith Cutajar li kien maħtur mill-qorti, u minn din l-eżaminazzjoni irriżultat il-komunikazzjoni kollha li għaddiet bejn l-akkużat u Nicole Cogzell fejn irriżultaw numru ta' ritratti tal-istess minorenni li kienu ta' natura pornografika u kienu fil-pussess tal-akkużat peress li kienu fil-mobile tiegħu.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat stess **Adrian Piscopo**, sar ħati talli nhar it-tnejn u għoxrin (22) ta' Lulju tas-sena elfejn u dsatax (2019) u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti magħmulin minnu fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu xi materjal indiċenti li juri u jagħti stampa ta' jew jirrapreżenta persuna ta' taħt l-eta', cioe Nicole Cogzwell.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Adrian Piscopo**, talli f' Ġunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) ġewwa Baħar iċ-Ċagħaq, limiti tan-Naxxar u fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda, akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu xi materjal indiċenti li juri u jagħti stampa ta' jew jirrapreżenta persuna ta' taħt l-eta', cioe Nicole Cogzwell.

U għalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi **Adrian Piscopo**, jigi kkundannat ghall-piena ta' mhux iktar minn ħames (5) snin skont dak li hemm u

jintqal fl-artikoli 17, 18, 23, 31, 208A(1B), 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat, kif ukoll li jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet al-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fir-Raba' Kap ippremetta:**

Illi fit-18 ta' Lulju tas-sena Elfejn u Dsatax (2019), il-Pulizija irċevew rapport fir-rigward tal-persuna li kienet mdejqa u li kellha relazzjoni ma' persuna adulta fil-waqt li hi kien għad għanda tlettax (13) -il sena. Din l-informazzjoni waslitilhom minn 'kellimni.com'. Il-Pulizija għalhekk kienu kellmu lil din il-persuna ta' taħt l-eta', cioe' Nicole Cogzwell, hekk kif ġie spjegat ukoll fl-ewwel kap ta' dan l-Att ta' Akkuża. Wara li tkellmu ma' din il-persuna il-Pulizija bdew jinvestigaw lill-akkużat **Adrian Piscopo**;

Illi l-pulizija waqt li kienu qegħdin jinvestigaw lil **Adrian Piscopo** ġew a konjizzjoni tal-fatt illi l-akkużat, fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' minorenni oħra din id-darba, bl-isem ta' Mariah Buġeja, meta kienet taħt ta' - l-eta' stattutarja. Il-Pulizija għalhekk kienu bagħtu għal Mariah Buġeja, li iddikjarat illi l-akkużat kellu relazzjoni sesswali magħha. Dan ġie kkonfermat ukoll mill-akkużat fejn stqarr mal-Pulizija illi kien minnu li kellu relazzjoni ta' natura sesswali ma' Mariah Bugeja fejn hu u hi kienu ikollhom x'jaqsmu sesswalment u hu kien ukoll idaħħal l-organu sesswali ġo fiha.

Għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Adrian Piscopo** sar ħati talli fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta , ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' u ċioe' ma' Mariah Bugeja, mwielda fis-sittax (16) ta' Settembru 2001.

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, ż-żmien, il-lok u l-fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Adrian Piscopo** talli fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' u ċioe' ma' Mariah Bugeja, mwielda fis-sittax ta' Settembru 2001.

U għalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi **Adrian Piscopo**, jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija għal mhux iżjed minn għoxrin (20) sena u dan skont ma hemm fl-Artikoli 204C(1), 208AC(1)(b)(d), 208B, 209A, 17, 31, 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-Ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat, kif ukoll li jigu applikati fil-konfront tieghu d-dispozizzjonijiet al-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Registrazzjoni ghall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fil-Hames u l-ahhar Kap ippremetta:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fir-raba' kap ta' dan l-Att ta' Akkuża mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija, rriżulta illi **Adrian Piscopo**, cioe' f' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel din id-data, f'diversi bnadi madwar Malta kien jippermetti li jiġi prodott materjal indeċenti mill-persuna ta' Mariah Bugeja għalih nnifsu;

Illi l-Akkużat kien jitkellem ma' Mariah Bugeja permezz ta' *social media* u l-mobile tiegħu u rriżulta li meta kienu jitkellmu, dan kien isaqsiha sabiex hi tibgħatlu ritratti tagħha stess għarwiena. Fil-fatt wara li l-akkużat kien isaqsiha sabiex tibgħatlu dawn ir-ritratti indeċenti u pornografiċi tagħha stess, hi kienet tagħmel mezz li tieħu dawn ir-ritratti, tippoża għalihom u tibgħat dawn ir-ritratti tagħha stess mingħajr ħwejjeġ lill-istess akkużat.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat stess **Adrian Piscopo**, sar ħati talli f'Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew ura dan il-materjal indiċenti, li juri u jagħti stampa ċara ta' persuna taħt l-eta' u ċioe' Mariah Bugeja**.**

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Adrian Piscopo**, fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta, għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indiċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew ura dan il-materjal indiċenti, li juri u jagħti stampa ċara ta' persuna taħt l-eta' u ċioe' Mariah Bugeja.

U għalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi **Adrian Piscopo**, jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn tnax il-xahar u mhux iktar minn ħames snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 208A(1), 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat, kif ukoll li jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Illi l-Avukat Generali fis-Sitt u l-ahhar Kap ippremetta:**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-kapi preċedenti, cioe fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel

din id-data f'diversi bnadi madwar Malta ta' dan l-Att ta' Akkuża mill-investigazzjonijiet magħmula mill-Pulizija, rriżulta illi **Adrian Piscopo** kellu aċċess għall u fil-pussess tiegħu permezz ta' teknoloġija ta' informazzjoni u komunikazzjoni, numru ta' ritratti pornografiċi ta' Mariah Bugeja li kienet għadha taħt is-sittax il-sena meta sar dan u għalhekk kienet minorenni;

Illi kif spjegat fil-kapi preċedenti ta' dan l-att t'akkuża, l-akkużat kien qiegħed ikollu komunikazzjoni kostanti ma' Mariah Bugeja li dak iż-żmien kienet it-tfajla tiegħu u għalhekk kienet tkun miegħu u tfornih b'xi materjal pornografiku.

Illi fil-fatt, ġie eżaminat il-mobile phone tal-istess akkużat mill-espert Keith Cutajar li kien maħtur mill-qorti, u minn din l-eżaminazzjoni irriżultat il-komunikazzjoni kollha li għaddiet bejn l-akkużat u Mariah Bugeja**.** Fir-rapport irriżultaw numru ta' ritratti tal-istess vittma li qabel is-sittax ta' Settembru elfejn u sbatax, meta effettivament kienet għaddejja b'din il-komunikazzjoni ta' natura sesswali, kienet minorenni, u r-ritratti rriżultaw li kienu fil-pussess tal-akkużat peress li kienu fil-mobile tiegħu.

Għalhekk b'għemilu, l-akkużat stess **Adrian Piscopo**, sar ħati fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta akkwista, xjentament akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' nformazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indiċenti li juri u jagħti stampa ta' jew jirrapreżenta persuna ta' taħt l-eta' u cioe Mariah Bugeja

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Adrian Piscopo**, fis-sittax (16) ta' Settembru tas-Sena Elfejn u Sbatax (2017) u fix-xhur u s-snin ta' qabel f'diversi bnadi madwar Malta akkwista, xjentament akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' nformazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indiċenti li juri u jagħti stampa ta' jew jirrapreżenta persuna ta' taħt l-eta' u cioe Mariah Bugeja

U għalhekk jitlob li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi **Adrian Piscopo**, ji]i kkundannat għall-piena ta' mhux iktar minn tliett snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 208A(1B), 383, 384, 385, 412D u 533 tal-Kodiċi Kriminali Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat, kif ukoll li jiġu applikati fil-konfront tiegħu d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 6(2) tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni għall-Protezzjoni tal-Minuri, Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-akkuzat Adrian Piscopo fis-26 ta' Jannar, 2021 pprezenta in-nota tal-eccezzjonijiet tieghu u dan fiz-zmien premess mill-ligi u fejn flimkien mal-lista tax-xhieda tieghu eccepixxa is-segwenti:

1. Illi l-procedura kollha tal-kumpilazzjoni hija nulla, u dan peress illi kif jirrizulta minn l-atti processwali, senjatament Fol 19 tal-Process, is-sustanza tax-xhieda suppost ittiehdet b'mezzi elettrono-manjetici kif jipprovdi l-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetci, u kif ukoll ordnat l-Magistrat Dott. Audrey Demicoli, izda minkejja dan kollu, x-xhieda giet xorta registrata b'mezzi digitali;

2. Illi l-Ewwel Kap t'Akkuza huwa null u dan peress illi l-akkuza ta' partecipazzjoni sesswali ma' minuri, ma ggorx il-piena ndikata minn l-Avukat Generali u *cioe* dik bejn sitt (6) snin u erbghin (40) sena prigunerija. Di piu, fil-parti tal-piena hemm ndikati artikoli ma ghandhom x'xjaqsmu xejn ma' l-akkuza taht l-Ewwel Kap;

3. Illi l-parti narrativa taht l-Ewwel Kap ta' Akkuza hija nulla u dan peress illi fiha hemm ndikati fatti li ma jirrizultawx mill-atti processwali, senjatament il-kliem *'nbuttalha u zammilha rasha l-isfel sabiex hija ddahhal l-organu sesswalu tieghu f'halqha'* liema kliem jistghu jinfluwenza avversament lil min ser jiggudika;

4. Illi fl-umli fehma tad-difiza, ghandu jkun hemm l-isfilz tad-dokument konsistenti f'*mobile phone* ezebit minn l-Spettur Joseph Busutill fil-prezentata *ossia* fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Lulju, 2019, mmarkat bhala JB8, u dan flimkien ma' dak kollu li gie estratt minn go fih minn l-espert Keith Cutajar, u kwalunkwe referenza li tista ssir ghalih minn xi xhieda, u dan a bazi tal-fatt illi hemm nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza, stante illi minn l-atti processwali minn imkien ma jirrizulta minghand min jew min fejn gie elevat dan il-*mobile phone. Di piu* ma tressqet l-ebda prova dwar min huwa s-sid ta' dan l-istess cellulari, lanqas forsi permezz ta s*ervice providers* li setghu jipproducu informazzjoni dwar fuq min hi registrata l-linja li kienet tintuza minn dan il-*mobile phone*;

5. Illi *in ogni caso,* u minghajr pregudizzju ghal l-eccezzjoni enumerata 2, din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tal-*Facebook chats* kollha estratti minn l-*mobile phone* (Dok JB8), u liema *chats* gew ezebiti minn l-espert Keith Cutajar flimkien mar-rapport tieghu mmarkat bhala KC1 u ezebit a Fol 34 *et seq,* u senjatament Appendici 1 a Fol 45 konsistenti f'*pen drive*, u dan peress illi dawn ic-*chats* la gew konfermati minn min suppost baghthom u anqas ma gie indikat bhala xhud rapprezentant ta' *Facebook* li jista jikkonferma l-identita tal-persuna li qedha suppost tippartcepia f'dawn ic-chats. Illi allura l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq prova shiha, senjatament anke dwar il-veracita ta' dawn l-istess ic-*chats*;

6. Minghajr Pregudizzju ghall-eccezzjoni enumerata 2, id-Difiza tisottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tordna l-isfilz tar-ritratti ezebiti minn l-espert Keith Cutajar u li gew estratti mill-*pen drive* (Fol 45), u stampanti minn l-istess espert (prezentati a Fol 253 – 619) u dan peress illi la tqabbad espert tekniku sabiex jidentifika l-persuna li jidher fir-ritratti, u wisq anqas intwerew lix-xhieda li allegatament jidhru fir-ritratti, u *ergo* ma hemmx anqas prova ta min

hi l-persuna li allegatament tidher f'dawn ir-ritratti, u jekk hijiex persuni minuri jew le;

7. Illi fl-umli fehma tad-difiza, ghandu jkun hemm ukoll l-isfilz tad-Dokument ezebit bhala KA1 prezentat mix-xhud Kurt Abela, a Fol 178 tal-process, u dan peress illi minn imkien ma jirrizulta l-vera idenitita ta' l-awtur tieghu, u cioe tal-persuna li kienet qed taghmel uzu mis-servizz *kellimni.com*, fl-liema *chat* il-persuna hija biss indikata bhala s*ervice user* bin-*nickname 'imkissra'.* Dan qed jigi sottomess in vista tal-fatt illi minkejja illi Nicole Cogzwell tixhed li hija ghamlet uzu minn dan is-servizz, hija la ssemmi d-data meta u anqas tikonferma jekk kenitx qed taghmel uzu minn xi *nickname*. Illi di piu, minkejja illi fuq il-*print out* ta' din il-konverzazzjoni *online,* hemm ndikat IP Address, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova ta' minn fejn originat din l-istess *chat;*

8. L-isfilz taz-zewg Stqarrijijiet ta' l-Akkuzat (JB 4 u JB5 li ttiehdet b'mod audioviz) u kwalunkwe referenza li setghet saret ghalihom mix-xhieda kemm b'mod dirett u kemm indirett, u dan peress illi minkejja illi l-akkuzat inghata d-dritt li jikkonsulta u jkollu l-prezenza tal-avukat waqt it-tehid tal-istqarrija, minn l-istess atti, minn imkien ma jirrizulta illi gie spjegat lilu l-portata ta' dan il-jedd tant importanti, l-aktar meta wiehed jikkunsidra il-gravita tar-reati li l-akkuzat kien qed jigi suspettat li seta wettaq u l-pieni gravuzi li dawn igorru maghhom;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Rat l-atti tal-kaz, inkluz dawk tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta).

Semghet lill-partijiet jittrattaw dawn l-eccezzjonijiet u dan fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2022.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti sejra tghaddi minnufih **ghall-ewwel eccezzjoni preliminari** tal-akkuzat u cioe' illi l-atti kollha tal-kumpilazzjoni ghandhom jigu annullati u dan peress illi x-xhieda suppost ittiehdet b'mezzi elettro-manjetici u minflok ittiehdet b'mod digitali. L-akkuzat ghamel referenza wkoll ghall-Att Dwar ir-Registrazzjoni Elettro-Manjetici. Il-Qorti fliet dan l-Att u li huwa Kapitlu 248 tal-Ligijiet ta' Malta li originarjament gie promulgat fl-1980 u li gie l-ahhar emendat fl-1995. Tajjeb illi wiehed jenfasizza illi minn dakinhar it-teknologija ghamlet avvanzi kbar u li anke l-Qrati taghna jipprovaw izommu ruhhom aggornati mal-avvanzi teknologici. Madankollu, kif wiehed jista' jinnota f'dawn il-proceduri issir referenza ghal dan il-Kapitolu tal-Ligi.

Din il-Qorti zgur li ma tistax taqbel mal-akkuzat illi la x-xhieda ma ttihditx b'mezzi elettro-manjetici allura l-atti kumpilatorji huma nulli. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**[1] saret referenza ghas-sentenza ir-**Repubblika ta' Malta vs Giovanna Pace u Christopher Mazzitelli**,[2] fejn f'verbal kien kien hemm illi Spettur tal-Pulizija xehed u ezebixxa dokument, izda ma kienx hemm traskrizzjoni tax-xhieda tieghu w allura l-Qorti ddecidiet hekk:

> *".... l-fatt li ma hemmx traskrizzjoni ta' xiehda ta' l-Ispettur Josric Mifsud tal-mument li fih esebixxa d-dokumenti msemmija, ma jfissirx illi ma ġiex somministrat lilu l-ġurament qabel ma esebihom. Mhux kull ma jingħad fl-Awla jiġi traskritt."*

Is-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Degorgio et**[3] **kompliet billi ghamlet referenza** ghall-Artikolu 3 tal-Kapitolu 284 tal-Ligijiet ta' Malta li jistipula li:

---

[1] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

[2] App.Sup 13/06/2013.

[3] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar it-30 t' Ottubru, 2020.

*"Minkejja kull disposizzjoni f'xi liġi oħra, kull qorti **tista'** tordna li l-proċedimenti tagħha jew xi parti minnhom jiġu reġistrati b'mezzi elettro-manjetiċi."*

*Dan ifisser illi l-Qorti **ma hijiex marbuta** illi taghmel registrazzjoni tal-procediment li jkun qed isir quddiemha u li sussegwentement dawn jigu traskritti u ghalhekk tista' tirregistra kull haga li jsir matul l-udjenza bil-miktub, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz.*

Ghaldaqstant din il-Qorti zgur li mhux sejra tannulla l-atti kumpilatorji ghaliex dawn ma gewx registrati b'mezzi elettro-manjetici u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-akkuzat qeghda tigi michuda.

Fir-rigward **it-tieni eccezzjoni preliminari** tal-akkuzat, dan qieghed jecepixxi illi l-Ewwel Kap. tal-akkuza hija nulla u dan peress illi l-partecipazzjoni sesswali ma' minuri, ma ggorx il-piena ta' bejn sitt (6) snin u erbghin (40) sena prigunerija. L-akkuzat jghid ukoll illi fil-parti tal-piena hemm ndikati artikoli ma ghandhom x'jaqsmu xejn ma' l-akkuza taht l-Ewwel Kap. Din il-Qorti tixtieq tibda billi tghid illi l-piena li jgorr mieghu Artikolu 204Ċ tal-Kodici Kriminali, kemm fil-prezent u kemm fl-2019, meta sehh l-allegat reat, hija dik ta' bejn hames sa ghaxar snin prigunerija. Madankollu, l-Artikolu 208AĊ tal-Kodici Kriminali jistipula illi dawn ir-reati ghandhom jizdiedu bi grad jew tnejn f'certu cirkostanzi u cioe' f'dan il-kaz ghaliex il-minuri kienet ghadha taht il-hmistax-il sena u/jew ghaliex il-minuri hi meqjusa mill-Qorti li qieghda partikolarment f'riskju li tigi mhajjra biex tikkopera ma' min jinsab hati jew li ccedi ghal volontà tieghu u dan ghar-ragunijiet li jinstabu stipulati taht l-istess Artikolu. Ghalhekk f'kaz ta' htija din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-artikolu 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tista' zzid il-piena, jekk bi grad il-piena tigi bejn sitt snin u tnax-il-sena u jekk b'zewg gradi issir bejn sebgha snin u ghoxrin sena prigunerija.

Oltre minn hekk stante li dan l-allegat reat mal-minuri sehh iktar minn darba wahda, l-Avukat Generali ccitta wkoll Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali fejn ukoll jitlob li tali piena hekk kif stipulata f'Artikolu 204Ċ ghandha tizdied bi grad jew tnejn. Ghahekk ghal darba f'kaz li jirrizulta l-kontinwita l-piena tista' tizdied bi grad jew tnejn. Jekk bi grad, il-piena dejjem bl-applikazzjoni tal-Artikolu 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta issir tmien jew tlettin sena prigunerija u jekk b' zewg gradi issir bejn ghaxar snin u erbghin sena prigunerija.

Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fhema illi l-akkuzat m'ghandux ragun fl-eccezzjoni tieghu u kieku stess ghandu ragun dan jimmerita biss korrezzjoni tal-istess Att t' Akkuza u mhux nullita' u ghaldaqstant din l-eccezzjoni preliminari qeghda tigi michuda.

Fit-**<u>tielet eccezzjoni preliminari</u>**, l-akkuzat qieghed jecepixxi n-nullita' stante li n-narrativa taht l-Ewwel Kap ta' Akkuza hija nulla u dan peress illi fiha hemm ndikati fatti li ma jirrizultawx mill-atti processwali. Hu specifika illi mkien mill-atti ma jirrizultaw senjatament il-kliem *'nbuttalha u zammilha rasha l-isfel sabiex hija ddahhal l-organu sesswalu tieghu f'halqha'*. Fuq dan il-punt din il-Qorti sejra tghaddi sabiex taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **<u>ir-Repubblika ta' Malta vs Grazio Azzopardi</u>**[4] fejn gie ritenut is-segwenti:

> *'2. Dwar din l-eccezzjoni, jibda biex jinghad illi huwa l-<u>artikolu 589 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi kif ghandu jsir l-att tal-akkuza. Is-subartikolu (c) tieghu irid illi l-att tal-akkuza ghandu "ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistghu jinghataw dwar iz-zmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra taghha r-reat ikun sar,</u> **<u>flimkien mac-cirkostanzi kollha li, skond il-ligi u fil-fehma tal-Avukat Generali, jistghu jkabbru jew inaqqsu l-piena".</u>** <u>Din il-parti tal-fatti fl-att tal-akkuza hija komunement msejjha l-parti narrattiva li fiha l-Avukat Generali</u>*

[4] Deciza mill-Qorti Kriminali nhar is-16 ta' Frar, 2021.

*iressaq gabra fil-qosor tal-fatti li jemergu mill-atti quddiem l-Istruttorja. Minn dan l-aspett ma hemm xejn li mhux skond dan l-artikolu fin-narrattiva rigwardanti l-att ta' akkuza in disamina;*

*3. Dak illi l-akkuzat qed jilmenta minnu hu li l-Avukat Generali drammatizza n-narrattiva u eskluda minnha aspetti favorevoli ghall-akkuzat b'mod illi l-gurati ser jithallew fil- ghama dwar informazzjoni fondamentali u b'hekk ser jinholoq pregudizzju ta' smiegh xieraq.* ***Jidher illi l-artikolu 589(c) tal-Kodici Kriminali maz-zmien intuza b'mod illi n-narrattiva tal-Avukat Generali minn xi daqqiet tirrizulta f'rakkont interminabbli ta' dawn l-aspetti tal-provi li jidhirlu li jaghmlu l-kwadru komplet ta' dak li ta lok ghall-akkuza li ssegwi. Dik in-narrattiva ta' spiss taghti lok, bhal fil-kaz odjern, ghall-eccezzjonijiet u konsegwenzjali sentenzi segwiti b'appell u sentenzi finali tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Hija l-ewwel haga li jisimghu il-gurija mal-qari tal-att tal-akkuza u li imbaghad u li b'mod doveruz l-Imhallef togat ikollu jispjega u jibqa' jfakkar lill-guri sal-mument li jidhol ghad-deliberazzjoni illi dik hija biss narrattiva skond l-Avukat Generali u li ma tammontax ghal-prova tal-fatti.*** *Fi kliem iehor sta ghal-legislatur li jqis u jixtarr kemm ghad hemm lok ghal-dan is-subinciz meta dak li hu ta' massima importanza huwa l-fatt li jirrendih rejat. Hekk kif quddiem il-Qorti tal-Magistrati il-vot tal-ligi huwa sodisfatt bir-riproduzzjoni tal-artikolu tal-ligi allegatament infratt mill-imputat hekk ukoll ghandu jaqdi l-istess skop tali riproduzzjoni fl-att tal-akkuza;*

***4. Ventilat dan, izda, u kif gia osservat supra, n-narrattiva in kwisjtoni hija konformi ma' dak li titlob il-ligi u l-akkuzat ma jistghax jistenna illi l-Avukat Generali jelenka dawk l-aspetti tal-provi li huma a beneficcju tieghu. Ma hemm xejn x'jostor***

***<u>lill-akkuzat li jestrapola dawk il-provi mill-atti processwali waqt il-guri bil-mezzi kollha ghad-disposizzjoni tieghu u jgibhom a konjizzjoni tal-guri. Dak li hu ta' massima mportanza hu li dak rakkontat mill-Avukat Generali jemergi mill-atti tal-istruttorja. U ezaminati l-atti, dan huwa pjenament in regola;</u>***

***5. Konsegwentement ma hemm ebda nullita' fl-att tal-akkuza u din l-eccezzjoni qed tkun michuda;***

Dan il-kliem citat supra u cioe' li *'nbuttalha u zammilha rasha l-isfel sabiex hija ddahhal l-organu sesswali tieghu f'halqha'* li jinsab fin-narrattiva tal-Avukat Generali **<u>ma jammontax ghal-prova tal-fatti.</u>** Dan kif diga' gie ritenut, ghandu jigi spjegat mill-imhallef togat fil-guri, qabel il-gurati jidhlu biex jiddeliberaw. Ghal dawn ir-ragunijiet ma tirrizulta l-ebda nullita' fl-Ewwel Kap tal-Akkuza u ghalhekk it-tielet eccezzjoni qeghda tigi respinta.

L-eccezzjonijiet numru **<u>erbgha, hamsa u sitta'</u>** jirrigwardjaw it-talba tal-akkuzat fejn qieghed jitlob l-isfilz tad-dokument konsistenti f'*mobile phone* ezebit minn l-Ispettur Joseph Busutill mmarkat bhala JB8, u dan flimkien ma' dak kollu li gie estratt minn go fih minn l-espert Keith Cutajar, u kwalunkwe referenza li tista' ssir ghalih u dan ghaliex hemm nuqqas ta' kontinwita ta' evidenza. Sussegwentament permezz tal-hames eccezzjoni qieghed jintalab ukoll l-isfilz tal-*Facebook chats* kollha mill-istess *mobile phone* u dan peress illi dawn ic-*chats* la gew konfermati minn min suppost baghthom u anqas ma gie indikat bhala xhud rapprezentant ta' *Facebook* li jista jikkonferma l-identita' tal-persuna li qeghda suppost tippartecipa f'dawn ic-chats. Oltre minn hekk permezz tas-sitt eccezzjoni preliminari, l-akkuzat qieghed jitlob ukoll l-isfilz tar-ritratti ezebiti minn l-espert Keith Cutajar u li gew estratti mill-*pen drive* (Fol 45), u stampati minn l-istess espert (prezentati a Fol 253 – 619) u dan peress illi la tqabbad espert tekniku sabiex jidentifika l-persuna li jidher fir-ritratti, u wisq anqas

intwerew lix-xhieda li allegatament jidhru fir-ritratti.

Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizija vs David Sant**[5] fejn fuq dawn il-punti l-Qorti espremiet ruhha billi qalet hekk:

> **3.** *Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli.* ***Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju*** *li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l- oggett),* ***izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju.*** *Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha*

[5] Deciza mill-Qorti t' Appell Kriminali nhar il-15 t' Ottubru, 2007.

*dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***[6] *u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta.*[7] *Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz* ***Kuruma, son of Kaniu v. The Queen***[8] *fejn a pagna 203 jinghad hekk:* ***"... the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*** *Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak tar-relevanza:* ***jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-***

[6] Att ta' Akkuza numru 20/97.
[7] Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.
[8] [1955] AC 197

***dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu***[9]. ***Il-kwistjoni tal-kontinwita` ta' l-evidenza, li l-abbli difensur ta' l-appellant sahaq fuqha kemm fir-rikors kif ukoll fit-trattazzjoni, tqum biss – u dan, fi kwalunkwe kaz, fil-kuntest tal-valur probatorju – jekk kemm-il darba jkun irid jigi stabbilit li l-oggett in kwistjoni huwa l-istess oggett misjub jew elevat minn x'imkien, u/jew li mill-mument li l-oggett gie hekk misjub jew elevat ma ntmessx fir-rigward ta' xi proprjeta` tieghu li tista' tghin fil-prova tal-htija jew tal-innocenza tal-imputat jew akkuzat.*** *Issa, fil-kaz in dizamina is-Supretendent Mario Spiteri*[10] *fisser li d-DVD kien ghaddihulu l-editur tal-Maltatoday wara li dan il-gurnal kien ippubblika fil-harga ta' nofs il-gimgha stills f'forma ta' ritratti mehuda mill-filmat. La dana l-editur u lanqas min effettivament gibed il-filmat ma ttella' jixhed. B'dana kollu dan ma jirrendix id-DVD inammissibbli, u dan ghar-ragunijiet aktar 'l fuq imfissra. Kwantu ghal-valur probatorju – u cioe` (1)* ***jekk dak li juri dan il-video hux minnu (fis-sens li verament sehh dak li jidher fih, u li ghalhekk dan mhux xi montatura) u (2) jekk hux verament l-appellant li jidher fih jaghmel xi affarijiet*** *– l-appellant stess kemm meta gie interrogat mis-superjuri tieghu kif ukoll meta ddepona quddiem din il-Qorti f'ebda hin ma cahad li dak li juri dak il-filmat ma hux minnu jew li l-persuna li tidher ixxejjer bl-irkoppa ghal darbtejn fid-direzzjoni ta' mara f'vettura ma kienx hu: anke din il-Qorti setghet tistabilixxi lil*

[9] ***"A photograph (or film) the relevance of which can be established by the testimony of someone with personal knowledge of the circumstances in which it was was taken (or made), may also be admitted to prove the commission of an offence and the identity of the offender."*** – Blackstone's Criminal Practice – 2004 (OUP), para. F8.36, pagna 2145

[10] Udjenza tal-10 ta' Awissu 2007.

*hinn minn kull dubbju dettat mir- raguni u <u>minghajr il-htiega ta' xhieda jew periti</u>, li l-ufficjal li jidher jaghmel dawn l-affarijiet hu fil-fatt l-appellant. L-appellant jghid biss li l-filmat ma jurix dak kollu li gara, senjatament il-parti meta kien hemm il-coach li mblukkat it-triq u meta huwa mar biex johdilha c-cavetta, kif ukoll partijiet wara, cioe` minn meta l-franciza intilfet minn sensiha sakemm giet l-ambulanza. Din il-Qorti wara li rat, bhalma ghamlet l-ewwel qorti, il-clips in kwistjoni hi tal-fehma li dawn, u specjalment l-ewwel wiehed, juru ezattament dak li gara fil-mument relevanti meta f'hin minnhom Sprangers inghatat daqqa bl-irkoppa fuq sidirha u intilfet minn sensiha. Din il-Qorti m'ghandhiex l-icken dubbju li l-clips juru dak li effettivament gara, ghalkemm mhux necessarjament dak kollu li gara, u huma ghalhekk mhux biss prova ammissibbli izda prova elokwenti u relevantissima ghall-kaz de quo. Ghalhekk dana l-ewwel aggravju qed jigi michud.'*

Fir-rigward tal-Facebook chats din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Erin Tanti</u>**[11] fejn gie ritenut hekk fuq dokumenti li gew mehuda mis-sit socjali *Facebook*:

*'31. Illi din il-Qorti fliet dawn iz-zewg dokumenti li jirrizulta li huma stampi jew ritratti imtellghin fuq siti elettronici (screenshots) , senjatament il-facebook, fejn hemm indikat l-isem ta'l-appellant.*

*32. Iddecidiet hekk l-Ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni marbuta mad-Dokumenti indikati f'dan l-aggravvju: "**<u>Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-Qorti ma tafx jekk dawn id-dokumenti ser jigu uzati mill-Avukat Generali.</u> F'kaz bhal dan***

[11] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar id-9 t' April, 2018.

***ikun imiss lill-imhallef tal-guri biex jivvaluta l-lanjanza tal-akkuzat proprju fil-guri."***

*<u>33. Illi qabel ma tinoltra ruhha fil-kontenut tad-dokumenti li ghalihom jaghmel referenza l-akkuzat f'dina l-eccezzjoni minnu imqanqla, jinghad illi l-ligi tippostula distinzjoni bejn il-valur probatorju ta' evidenza u inammissibilita' taghha biex b'hekk prova tista' tkun ammissibbi izda madanakollu minghajr ebda valur probatorju billi per ezempju ma tigix awtentikata, jew ma jigix indikat il-persuna li irrediega l-istess, jew l-origini ta' l-istess.</u>*

*34.* ***Jinkombi fuq il-Qorti Kriminali biex imbaghad fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xhieda u ir-rilevanza ta' l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi allura il-Qorti trid timxi b'cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju jew l-ammissibbilita` taghha.***

*35. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad: "'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di*

*prova....nel secondo caso la quistione `' propriamente quella di rilevanza della prova.....'*[12]

*36. Illi kif inghad dawn id-dokumenti tnizzlu minn fuq sit elettroniku u cioe' minn fuq il-facebook u kwindi l-persuna li hadet hsieb tnizzel dawn ir-ritratti minn fuq dan is-sit tista' tikkonferma l-origini taghhom minn fuq is-sit accessat minnha, u lil min jappartjeni dak il-profil elettroniku. Kwindi din il-Qorti ma tistax a priori tqies l-istess bhala prova inammissibbli u dan qabel is-smigh tal-guri.*

*37. Jispetta lill-Imhallef togat illi fl-indirizz finali tieghu jaghti id-direzzjoni opportuna legali lill-gurati dwar il-valur probatorju tal-evidenza prodotta. Kif gie deciz fis-sentenza Kajal vs Noble (1982)(Cr.App): "Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to the weight and not to the admissibility"*

*38. Din il-Qorti rriteniet li:*

*"... L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi.*[13] *"*

*39. Issa dawn iz-zewg stampi li jidhru fuq id-dokumenti esebieti mill-Ufficjal Prosekutur fil-kors tax-xhieda tieghu fil-kumpilazzjoni gew*

[13] Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella u Jason Said, App.Sup. 30/07/2015.

*miksuba minn fuq il-profil elettroniku ta'l-appellant tal-facebook. Fil-fatt, kif inghad, huma screenshots misjuba fil-pagna tal-facebook tieghu. Mhux biss izda saret referenza ghalihom mill-Ufficjal Investigattiv fil-kors tal-interrogazzjoni ta' l-appellant. Illi allura ma jidhirx illi tali prova giet miksuba b'mezzi illegali u li allura l-appellant ma hux ser ikollu kontroll fuq tali prova, billi allegatament dawn ittiehdu mill-profil tieghu stess fuq il-facebook.* ***Issa fl-eventwalita` li dawn id-dokumenti jigu mghoddija lill-gurati mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-guri, hemmhekk biss jista' jigi imwiezen il-valur probatorju taghhom, u mhux qabel. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi michud.'***

A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti ma tistax tisfilza id-dokumenti hekk indikati mill-akkuzat ghaliex m'hemmx kontinwita' t'evidenza jew ghax ic-chats ma gewx ikkonfermati minn min suppost baghthom. Ghaldaqstant din il-Qorti qedgha tichad ir-raba, hames u sitt eccezzjonijiet preliminari tal-akkuzat.

Fis-**seba' eccezzjoni** tal-akkuzat qed jintalab ukoll l-isfilz tad-Dokument ezebit bhala KA1 prezentat mix-xhud Kurt Abela, a fol 178 tal-process, u dan peress illi minn imkien ma jirrizulta l-vera idenitita ta' l-awtur tieghu w minkejja illi fuq il-*print out* ta' din il-konverzazzjoni *online,* hemm ndikat IP Address, il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prova ta' minn fejn originat din l-istess *chat.* F'dan ir-rigward il-Qorti sejra terga' tenfasizza illi dan il-punt hekk sollevat jirrigwardja l-valur probatorju u mhux l-ammissibilta' ta' dokument. Prova tista' tkun ammissibbli u allura m'ghandhiex tigi sfilzata izda minghajr valur probatorju, kif diga' gie spjegat bhal per ezempju meta dokument ma jigix awtentikat. Decizjoni jekk il-prosekuzzjoni ma gabitx il-quddiem l-ahjar prova, kif obbligata taghmel skond il-ligi mhux ser tittiehed issa izda fic-celebrazzjoni tal-guri u sta ghall-Imhallef togat li jispjega lil gurati dwar l-evidenza li tkun ingabet quddiemhom qabel dawn jidhlu

jiddeliberaw. Ghalhekk, anke b'referenza ghal gurisprudenza sucitata, din l-eccezzjoni wkoll qeghda tigi michuda.

**<u>It-tmien u l-ahhar eccezzjoni preliminari</u>** tirrigwardja t-talba tal-akkuzat ghall-isfilz taz-zewg stqarrijiet ta' l-akkuzat (JB 4 u JB5 li ttiehdet b'mod audio-viziv) u kwalunkwe referenza ghalihom mix-xhieda kemm u dan peress illi minkejja illi l-akkuzat inghata d-dritt li jikkonsulta u jkollu avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija, minn l-istess atti, minn imkien ma jirrizulta illi gie spjegat lilu l-importanza ta' dan il-jedd tant importanti.

L-ewwel stqarijja tal-akkuzat ittiehdet nhar it-22 ta' Lulju, 2019 u li tinsab esebita a fol. 9 tal-atti processwali, mmarkata bhala Dok. JB4. Fuq nett taht id-dettalji tal-akkuzat, wiehed jista' jinnotta l-kliem *'M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tghid jista' jingieb bi prova.'* Fil-bidu nett ta' din l-istqarrija gew skambjati s-segwenti mistoqsijiet u twegibiet bejn il-pulizija u l-akkuzat:

> *M: Tikkonferma li inghatajt ittra bid-drittijiet u li dawn gew spjegati lilek?*
> *T: Iva*
> *M: Tikkonferma li ffirmajt karta fejn irrinunzjajt ghal avukat u inghatajt kopja taghha?*
> *T: Iva*
> *M: Int fhimta it-twissija li ghandek dritt li ma twegibx ghal mistoqsijiet li ser isirulek kemm kollha kif ukoll ghal xi whud minnhom?*
> *T: Fhimta*

Din il-Qorti tista' tinnota illi Dok JB3 a fol. 8 tal-atti processwali, wiehed jista' jsib id-dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd ghall-assistenza legali u fejn fiha l-akkuzat iffirma ghat-tali dikjarazzjoni:

*'Illum, l-Ufficjal Investigattiv hawn taht iffirmat jiddikjara bil-miktub li Adrian Piscopo, detentur tal-karta tal-identita' b'numru 38595(M), gie mgharraf bid-dritt li jista' jikkonsulta privatament mal-avukat jew prokuratur legali tal-fiducja tieghu u li jista' jkollu avukat jew prokuratur legali prezenti mieghu waqt l-interrogazzjoni li jiehu partecipazzjoni effetiva fl-istess interrogazzjoni izda hu ghazel li jiurrinunzja minn dawn id-drittijiet. Adrian Piscopo gie mgharraf ukoll li waqt il-kors tal-investigazzjoni, jista' jirrevoka r-rifjut ta' dawn id-drittijiet.'*

Nhar it-22 ta' Lulju, 2019 l-akkuzat ittiehditlu wkoll stqarrija ohra b'mod audio-viziv u li din tinsab traskritta a fol. 110 et seq. tal-atti processwali.

Il-Qorti f'dan il-punt taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Camilleri**[14] fejn saret referenza ghas-segwenti:

*'23. Illi t-Tielet Skeda intestata "Kodiċi ta' Prattika Għall-Interrogazzjoni ta' Persuni Arrestati" fl-Att dwar il-Pulizija (Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta) jistabbilixxi dawk ir-regoli li għandhom ikunu osservati mill-interrogatur u dan sabiex l-istqarrija rilaxxata minn persuna arrestata tkun wahda konformi mal-liġi. Dan għaliex kif hemm stabbilit fl-artikolu 2 ta'l-Iskeda dwar l-importanza tal-istqarrijiet:*

***Billi l-istqarrija tal-persuna li tkun qed tiġi interrogata hija ta' importanza ewlenija bħala prova, hu importanti li ma jsir xejn matul l-intervista li jista', ukoll bl-inqas mod possibbli, jitfa' dubju fuq il-validità tal-istqarrija****; u minħabba fl-importanza tal-*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) nhar is-16 ta' Frar, 2022.

*istqarrija bħala prova, il-Qrati tagħna huma stretti u metikolużi fil-kriterji li huma adottaw biex jiżguraw li dikjarazzjoni tkun saret b'mod konformi mal-artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali, jiġifieri li l-istqarrija tkun ġiet magħmula "volontarjament u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġ."*

*Jibda biex jingħad illi l-artikolu 8 li jitkellem dwar abbożżar ta'l-istqarrija jistabilixxi illi:*

*Kemm jista' jkun, l-istqarrija għandu jkun fiha l-kliem eżatti li jintużaw minn min ikun suspettat, mingħajr ebda użu ta' vokabularju "uffiċjali".*

Din il-Qorti fliet din it-tielet skeda tal-Kapitolu 164 tal-Ligijiet ta' Malta li qeghda ssir referenza ghaliha *supra,* u ma jirrizulta minn imkien li l-pulizija jridu jishqu dwar l-importanza tad-dritt tal-avukat qabel u waqt l-interrogazzjoni. Il-Qorti taf li dan hu dritt importanti hafna, madankollu bid-dovut rispett, il-pulizija mhux mistennija li jishqu fuq l-importanza ta' l-istess dritt kif inhi l-ligi illum ghalkemm ikun rakomandabbli li ikun hemm amenda fil-ligi fejn tesigi li l-pulizja jew ufficcjal investigattiv iehor jinforma lis-suspettat bl-importanza ta' tali dritt u dan sabiex l-effett ta' tali assistenza tkun aktar protetta. Kif diga' gie ndikat, u kkonfermat mill-istess akkuzat, il-pulizija tawh id-drittijiet tieghu skond il-ligi u kien hu li volontarjament irrifjutahom. Forsi wasal iz-zmien sabiex id-drittijiet ta' suspettat jigu verament protetti in linea mad-direttiva tal-Unjoni Ewropea li ssir mandatorja li suspettat ikun assistit minn avukat waqt l-interogatorju u jekk ma jridx ikun hekk assistit ikun hemm dikjarazzjoni maghmula mill-avukat stess li s-suspettat ma jridx ikun assistit u dan minkejja li gie spjegat lilu l-import ta' tali assistenza. B'hekk jigi konfermat li s-suspettat ghazel li ma jkunx assistit minn avukat meta kien jaf bl-

importanza ta' tali assistenza u dan sabiex ikun f'posizzjoni ahjar li jifhem il-*letter of rights* tieghu.

Tajjeb pero  li jigi nnutat ukoll illi Artikolu 19 tal-iskeda jistipola is-segwenti:

> *Effett ta' dan il-Kodiċi. In-nuqqas ta' osservanza ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi ma jinvalidax l-istqarrija li tkun ittieħdet, kemm-il darba dak in-nuqqas ta' osservanza ma jkunx ixejjen l-volontarjetà tal-istqarrija. Madankollu, jistgħu jinbdew proċedimenti dixxiplinari kontra persuni li ma josservawx id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kodiċi.*

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha sucitati din il-Qorti qeghda tichad it-tmien (8) u l-ahhar eccezzjoni preliminari tal-akkuzat, flimkien mal-eccezzjonijiet preliminari kollha.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

**Vera kopja**

Nadia Ciappara
Deputat Registratur